# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.2

## Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib

## Lezzjoni 4.2: It-talb bħala tifħir

## L-Għanijiet:




Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:

1. Jifhmu kif bit-talb ser insiru nafu aktar lil Ġesù.
2. Jitgħallmu modi differenti ta' kif jitolbu.
3. Jitgħallmu li waqt it-talb ikunu qed jikkomunikaw ma' Alla.
4. Jitgħallmu raġunijiet differenti għaliex nitolbu.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Video minn Youtube: Story about Prayer - http://www.youtube.com/watch?v=Pw4_iRxPlMU
- Karta ta' Tahrig 4.1.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jagħmlu meta jqumu filgħodu, qabel jorqdu bil-lejl, qabel u wara li jieklu, meta jmorru l-knisja. Fost affarijiet ara li jgħidulek li jitolbu.



- Staqsihom ukoll 'Għaliex jitolbu?' (biex naqilgħu xi grazzja, biex nitolbu lil Alla iberikna, biex ngħidu grazzi lil Alla).

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega lit-tfal li ser jaraw storja (minn You Tube) dwar it-talb. Spjega li jridu joqogħdu attenti għaliex wara ser ikollhom xi mistoqsijiet dwar l-istorja.
2. Wara l-istorja staqsi dawn il-mistoqsijiet:



- X'jisimha t-tifla tal-istorja?
- X'saqsiet lil ommha?
- Għaliex jitlob missierha?
- Għaliex titlob iz-zija?
- Għaliex jitlob ħu Maria?
- Għaliex titlob il-mama'?
- Għaliex titlob Maria?

3. Staqsi lit-tfal: Għaliex huwa importanti li nitolbu? Lil min insiru nafu aktar permezz tat-talb?
4. Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.1.
5. Oħloq diskussjoni dwar l-istampi mogħtija u fuq bażi ta' klassi aħdem l-Attività.
6. Spjega Attivita 2 fejn it-tfal b'mod personali ser jaħsbu għal min ser jitolbu għal din il-ġimgħa.
7. Stieden lit-tfal jaqsmu ma' sħabhom dak li jkunu kitbu.
8. Spjega l-attività ta' Sam u Tara u b'diskussjoni oħroġ il-fatt li għandna nitolbu għal kulħadd.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)




1. It-talb jgħinna nsiru nafu aktar lil Ġesù.
2. It-talb jgħinna nitkellmu ma' Ġesù.
3. Għandna nitolbu kuljum f'ħinijiet differenti tal-ġurnata biex nirringrazzjaw lil Ġesù.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- Nitolbu u nirringrazzjaw lil Alla kuljum.
- Nitolbu u nirringrazzjaw lil Alla minn qalbna.
- Nitolbu sewwa għax qed nitkellmu ma' Alla.



**Nitolbu**

Ġesù, għinni sabiex nitgħallem nitkellem miegħek f'kull ħin tal-ġurnata sabiex inti tkun f'qalbi l-ħin kollu.

Grazzi Mulej.

